**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**


# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 34

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 17 ta' Novembru 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' onlajn, fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier
Daniel Mallia– Viċi Sindku

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

### 34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

34.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 33

34.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tielet u tlettin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

34.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

34.2.3 Fuq proposta tal-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini l-minuti tat-tielet u tlettin laqgħa ġew approvati unanimament.

### 34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

34.3.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-Fun Run tal-President. Huwa fakkar kif din l-attivita se ssir nhar il-Ħadd 21 ta' Novembru, fl-10:00 am. Il-Mixja ser tibda minn ħdejn it-Torri u talab lil kunsilliera biex jekk jistgħu jħeġġu lil aktar residenti u nies biex jipparteċipaw. B'hekk il-kunsill ikun qed ikompli jagħmel ġest nobbli.

34.3.2 Is-Sindku tkellem dwar il-festival taċ-ċitru għas-sena 2022. Kif diġa kien hemm qbil fi seduta preċedenti huwa fakkar li din l-attivita annwali ser issir nhar il-Ħadd 23 ta' Jannar 2022, fuq l-istess skala bħal festival li kien ġie mtella għas-sena 2019. L-Attivita se ssir fil-Pjazza Trasfigurazzjoni bejn it-8.30am u 4pm. Kif diġa ġie mħabbar fi seduta preċedenti, Is-Sindku reġgħa stqar li d-dipartiment kien għal-ewwel kiteb lil kunsill li ma kienx ser jallokalu fondi għal-attivita taċ-ċitru. Pero wara li huwa flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv tkellmu u kitbu lura lid-dipartiment biex jaraw għaliex il-kunsill ma kwalifikax għal fondi, ġara li ftit ġranet wara l-kunsill irċieva imejl oħra tgħid li l-applikazzjoni sottomessa reġgħat ġiet evalwatha u l-kunsill ser ikun mogħti EUR 5000. Din l-informazzjoni kollha kienet diġa ġiet mgħarfa lil kunsilliera kollha b'permezz ta' email mingħand is-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Dalli kompla jispjega kif issa l-kunsill qiegħed fi proċess fejn is-Segretarju Eżekuttiv kitbet lid-Dipartiment tas-Saħħa biex ikun hemm l-clearance u awtorizzazzjoni ċara li attivita bħal din tista titwettaq. Is-Sur Dalli qal li jekk jinkiseb dan il-permess huwa ser jibda jħejji lill-parteċipanti biex sa seduta oħra jkun hemm kollox f'postu. Huwa ser jibqa jaġġorna lil kunsilliera skond il-bżonn.

34.3.3 Is-Sur Dalli qal kif huwa flimkien mas-Segretarju u l-accountant bdew jippreparaw ir-rapport tal-Estimi finanzjarji (budget) għas-sena 2022. Huwa ħeġġeġ lil Kunsilliera biex jekk għandhom xi proposti li jixtiequ jiġu nkluzi f' dan ir-rapport, huwa mportanti li l-proposti jaslu bil-miktub għand is-Segretarju Eżekuttiv sa qabel is-seduta ta' Diċembru 2021. Huwa kompla jgħid kif aktar tard fil-laqgħa jrid ikun hemm qbil ukoll dwar data għal-laqgħa tal-lokalita li jmiss biex huma wkoll jagħtu l-proposti tagħhom li l-kunsill umbgħad jista jikkunsidra u jinkludi f'dan ir-rapport.

34.3.4 Is-Sur Dalli qal kif ix-xogħlijiet ta' wiċċ ġdid fi Triq Carmelo Farrugia bdew din il-ġimgħa, fejn il-main ġdid ta l-ilma tpoġġa f'postu. Issa jonqos xi xogħol fuq il-main tad-dranaġġ, il-connections tad-djar u wara jingħata l-wiċċ ġdid bit-tarmac. Huwa fakkar lil kunsilliera kif dan il-proġett, IM ħallietu f'idejn il-Kunsill biex jitwettaq taħt is-superviżżjoni tal-Perit tal-Kunsill u x-xogħlijiet isiru mill-Kuntrattur tal-Kunsill. L-Ispejjeż ser jinħarġu minn IM. Il-Kunsill se joħroġ biss is-somma ta' EUR 2516 biex issir id-diega fejn jitpoġġa l-main tal-ilma. Il-Kont oriġinali kien ta' madwar EUR 8000, pero sar negozju mis-Sindku ma' WSC u din is-somma finalment ġiet ridotta.

34.3.5 Is-Sur Dalli stqarr li x-xogħlijiet fi Triq il-Kbira jidhru li qegħdin fi stadju avvanzat. Din il-ġimgħa il-WSC bdew jaħdmu fuq il-connections tad-djar u dalwaqt ser issir it-taqida tal-main prinċipali. Is-Sindku kompla jgħid li jekk kollox ikun sew, lejn nofs il-ġimgħa d-dieħla ser jibda l-proċess biex jingħata t-tarmac. Dan huwa proġett ieħor ta' IM bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill fejn dan il-kunsill ħabrek kemm felaħ biex saret din it-triq. Din hija waħda mill-itwal toroq fir-raħal.

34.3.6 Is-Sur Dalli spjega kif il-kunsill irċieva imejl bi komunikat mill-Awtorita tat-Turiżmu fejn il-kunsill ġie mistieden jipparteċipa fi nizjattiva li jsir aktar tiżjin tal-Milied fil-lokalita u biex jagħmel dan l-awtorita qed toffri finanzjament ta' EUR 3,000. Dawn huma fondi addizzjonali ma' dawk li diġa akkwista l-kunsill. B'hekk il-kunsill ser ikompli jżied l-armar fit-toroq. Peress li dan il-finanzjament ġie offrut lil kunsill riċenti, ser jinġiebu xi stimi għal aktar tiżjien u ser jiġi mgħoddi komunikat lil kunsilliera b'permezz ta' imejl biex ikun hemm approvazzjoni tat-tiżjin li ser jinxtara.

34.3.7 Is-Sur Dalli tkellem dwar it-tiżjin tal-Milied. Kif ġie diskuss diġa fi seduta preċedenti, it-tiżjin tal-Milied li ġie approvat beda jiġi nstallat. Is-Sindku qal kif, il-Christmas tree, għal din is-sena ser titpoġġa fejn isir il-planċier tal-Festa, dan minħabba safety. Huwa fakkar kif is-sena l-oħra, xi ħadd daħal bil-karozza fuq il-christmas tree meta kienet fin-nofs tal-pjazza u filfatt hemm xi spejjeż li l-kunsill irid iħallas biex din is-sena il-christmas tree tkun tista tintrema sew u tiġi rranġatha l-ħsara li kienet saret fuqha.

34.3.8 Is-Sindku tkellem dwar l-attivitajiet tal-Milied skedati. Huwa qal kif għal din is-sena huwa maqbul li ssir l-attivita ta' Mother Christmas li tqassam ir-rigali fid-djar permezz tal-karozzin. Din l-Attivita ser tkun b'xejn għal kulħadd. Għal din l-attivita ser jintbgħat flyer f'kull dar u ser ssir nhar il-Ħamis 23 ta' Diċembru 2021 mill- 5:00pm il-quddiem. Is-Sur Dalli kompla jgħid li jekk huwa permess mill-awtoritajiet tas-saħħa ser issir ukoll l-ikla tar-residenti u d-data għal din l-attivita ser titħabbar aktar il-quddiem. Is-Sindku qal ukoll li tista ssir l-ikla tal-kunsill mal-ħaddiema, staff u kunsilliera skond il-protokolli u data għal din l-ikla ser titħabbar il-quddiem ukoll.

## 34.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

34.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm. Pero s-Sinjorina Farrugia kellha mistoqsija żgħira li s-sindku aċċettha li jwieġeb dak il-ħin.

34.4.2 Kif diġa bgħatet komunikat lis-segretarju eżekuttiv, is-Sinjorina Farrugia staqsiet lis-sindku jekk l-attivita tal-mother christmas tistax issir fit-torri jew il-mitħna, minflokk fl-uffiċċju tal-kunsill f'każ ta' xita. Is-Sindku wieġeb kif fl-opinjoni tiegħu ma jaħsibx li l-attivita ser tkun ta' suċċess jekk issir mit-Torri jew mill-Mitħna. Mill-esperjenza tiegħu huwa qal li n-nies ikunu qed jistennew li jaraw il-karozzin biż-żiemel u lil mother christmas. Għalhekk f'każ li jkun il-maltemp, is-Sindku spjega kif il-kunsill għandu jara jekk l-attivita tistax issir l-għada u jiġu nfurmati dawk kollha li jkunu rreġistraw b'permezz ta' telefonata.

## 34.5 Korrispondenza

34.5.1 Ir-Rapport imressaq f'din il-parti tas-seduta kien wieħed qasir u konċiż pero xorta kemm hemm xi kunsilliera li kellhom xi klarifiki/domandi dwar xi korrispondenzi mibgħutha bejn il-kunsill u terzi. Dawn il-mistoqsijiet kienu fuq korrispondenza ta' materja mhux importanti ħafna jew inkella dwar materja li nformazzjoni dwarha kienet diġa ġiet mgħoddija lil kunsilliera fi seduti preċedenti.

## 34.6 Laqgħa Annwali tal-Lokalita – It-Tieni laqgħa għas-sena 2021

34.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif hemm stipulat fi artiklu 70 fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali (KAP 363) iridu jinżammu żewġ laqgħat tal-lokalita' fis-sena biex ikun hemm aktar kuntatt mar-residenti. It-Tieni laqgħa annwali għandha tinżamm sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' Diċembru ta' kull sena fejn fiha jiġu ppreżentati l-estimi finanzjari *(budget)* qabel il-laqgħa tal-kunsill li fiha l-kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja li tkun ġejja.

34.6.2 B'relazzjoni ma' dan is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid kif hija flimkien mas-sindku u l-accountant tal-kunsill qed jaħdmu biex jipreparaw dan ir-rapport u ser tibgħat kopja tiegħu għall-attenzjoni tal-kunsilliera la jkun lest. Safrattant hija talbet lil kunsilliera biex flimkien mas-sindku jikko-ordinaw flimkien dwar kif ser tinżamm din il-laqgħa.

34.6.3 Il-Kunsill unanimament qabel li din il-laqgħa għandha ssir nhar it-Tlieta 7 ta' Diċmebru 2021 fis-6:00pm, fis-sala Villa Lia.

## 34.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport ta' Kull kwart għal Perjodu Jan-Sep 2021

34.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill it-tielet rapport ta' kull kwart għal perjodu Jan – Sep 2021. Dan ir-rapport ġie kkumpilat mill-*accountant* u l-*accounting technican* tal-kunsill. Kopja ta' dan ir-

rapport intbgħat b'imejl lis-sindku u l-kunsilliera. Preżenti f'din il-parti tal-laqgħa kien hemm l-accountant tal-kunsill, is-sur Kevin Incorvaja.

34.7.2 Is-Sindku stieden lil Kevin biex jagħti spjegazzjoni dwar dan ir-rapport. Is-Sur Incorvaja rrimarka li minn Jannar sa Settembru 2021, bħala dħul b'kollox kien hemm valur ta' €260,405. Il-Kunsill kellu nefqa totali ta' €245,578 u b'hekk irriżulta li kien hemm surplus żgħir ta' €14,827. Saħansitra l-Kunsill bħala finanzi qiegħed aħjar minn kif kien ġie previst fl-aħħar baġit li kien ġie ppreparat.

34.7.3 L-FSI għal dan il-perjodu huwa mmarkat 133%. Il-cash balances qiegħdin tajjeb ukoll u dawn jammontaw għal €406,609. L-accountant staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet pero mistoqsijiet dwar dan ir-rapport ma kienx hemm.

34.7.4 Dan ir-rapport ġiet approvat unanimament fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra. Dan ir-rapport għandu jittella fuq il-website tal-gvern lokali u kopja tiegħu tintbgħat anke lid-dipartiment bil-posta.

## 34.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

34.8.1.1 <u>Sejħa ta' offerti għal xiri ta' 'Eletric van' – Fondi LESA</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif is-sejħa ta' offerti li nħarġet xahar ilu għal xiri ta' eletric van 7 seater kellha tiġi temporanjament ikkanċellatha. Dan għaliex ġara li l-ebda bidder interessat ma tefa l-offerta tiegħu. Għalhekk il-kunsill ser ikollu jerġa joħroġ din is-sejħa fiż-żmien li ġej u l-pjan kien li din tinħareġ għal bidu ta' Jannar 2022.

34.8.1.2 Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

34.8.2.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Akkumular ta' leave tal-ħaddiema klerikali</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill għall-approvazzjoni, talba f'isem il-ħaddiema klerikali, dan biex jakkumulaw xi ġranet tal-leave mis-sena 2021 għas-sena 2022. Is-Sinjorina Borg qalet kif l-iskrivani qed jitolbu biex itellaw l-ammont massimu ta' ġranet li huma jistgħu jtellaw skond il-ftehiem kollettiv.

34.8.2.2 Il-Kunsilliera approvaw din it-talba.

34.8.3.1 <u>Rimi ta' oġġett minn fuq l-inventarju tal-Kunsill</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv resqet talba biex il-kunsill jiddisponi minn oġġett wieħed minn fuq l-invertarju tal-kunsill bi kodiċi OE-072. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan l-oġġetti jikkonsisti fi tower tal-kompjuter antik li m'għandux użu aktar u m'għadux jaħdem sew.

34.8.3.2 Il-Kunsill kollu unanimanent approva din it-talba.

34.8.4.1 <u>Update dwar l-applikazzjonijiet għal PA funding li l-kunsill issottometta ma' tlett għaqdiet differenti</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-sindku taw update dwar it-tlett applikazzjonijiet għal PA funding li l-kunsill issottometta flimkien ma' tlett għaqdiet fir-raħal, li huma, is-Soċjeta San Pio x, Lija Athlethic Football club u is-Soċjeta Sant Andrija.

34.8.4.2 Is-sinjorina Borg spjegat kif wara li dawn l-applikazzjonijiet ġew sottomessi tħejja meeting ma' tlett rappreżentanti tal-Planning Authority, mal-Perit Fran Mallia, is-Segretarja tal-Perit u s-Sur Enzo Cachia. Dawn infurmaw lil kunsill kif mill-fond allokat li jistgħu jagħmlu użu minnhom NGOs u għaqdiet, m'hemmx biżejjed flus biex jiġu approvati t-tlett applikazzjonijiet. Il-Perit Mallia spjega kif il-proġetti tat-tlett applikazzjonijiet ser jammontaw għal total ta €30,222.00 u hemm deficit ta' €14,496.12.

34.8.4.3 Biex il-kunsill ma jwaqqa l-ebda applikazzjoni u jgħin lit-tlett għaqdiet, ġie ssuġġeriet li dan id-deficit, dejjem jekk ikun hemm qbil u approvazzjoni, jista joffri jħalsu l-kunsill mill-fondi taħt id-development planning fund tal-UIF li huwa għandu allokat, b'total ta' €73,480.56. Kemm il-darba dan id-deficit iħalsu l-kunsill il-fond totali tal-UIF tal-kunsill naturalment ser jinżel għal €58,984.44. Apparti minn hekk il-kunsill irid jiddeċiedi ukoll l-ammont li ser jagħti eżatt lil kull għaqda biex jinforma lil Planning Authority kif suppost u jiġu emendati il-formoli b'dan l-ammont.

34.8.4.4 Is-Sindku kkonferma dak kollu li qalet is-Sinjorina Borg u saret mozzjoni unanima fejn ġie approvat li, l-Kunsill Lokali joħroġ id-differenza ta' €14,196.12 mill-fond tal-UIF li huwa għandu allokat bħalissa, b'total ta' €73,480.56.

34.8.5.1 <u>SPI/SCI/6/2021 – Espressjoni ta' Interess – finanzjament Milied 2021 – ma ġietx approvatha</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsilliera kif l-esprezzjoni ta' interess li huwa ssottometta għal finanzjament tal-Milied 2021, ma ġietx aċċettatha u approvatha, dan minkejja li l-kunsill applika kif suppost u mexa mal-linji gwida. Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku taw spjegazzjoni tar-raġuni li ġiet mgħottija mingħand id-dipartiment, li fl-opinjoni tagħhom ma kinetx raġuni ġġustifikata. Is-Sindku qal kif m'għandux dubji mis-Segretarju Eżekuttiv għaliex hija dejjem provdiet xogħol kif suppost u mexxiet mal-linji gwida tal-applikazzjoni.

34.8.5.2 Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

34.8.6.1 <u>Talba tweħħil ta' notice board</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill talba biex titweħħel notice board fl-akwata tal-housing estate għaliex fil-viċinanzi t'hemm, m'hemmx waħda.

34.8.6.2 Il-Kunsill approva din t-talba. Apparti minn hekk is-Sindku żied jgħid li n-notice boards l-oħra għandhom bżonn manutenzzjoni fuq il-qoxra u trid issir qoxra ġdida f'kull notice board.

34.8.6.3 Kif kienet għaddejja diskussjoni fuq l-akwata tal-housing estate, is-Sinjorina Farrugia staqsiet kif kien baqa l-kunsill dwar dak il-protection li kellu jsir biex jitpoġġa l-iskart warajh ħalli ma jagħtix fil-għajn. Is-Sindku qal kif din il-problema ma tantx donnha għadha kurrenti. Problema li żgur hemm hija li m'hemmx aċċess adekwat minn fejn jgħaddi wheelchair, dan meta wieħed ikun dieħel minn Triq in-Naxxar għal fejn il-housing estate u għalhekk ikollu jispiċċa jgħaddi mit-triq għax il-bankina mhux wiesgħa biżejjed. Is-sindku ser jara x'jista jsir ta' għajnuna.

## 34.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

34.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 11/21 li kienet tinkludi l-ammonti tal-*petty cash* ta' €49.15 għax-xahar ta' Ottubru.

34.9.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien ssekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għadha magħluqha minħabba s-sitwazzjoni ta' COVID-19, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

34.9.3 Dwar pagament nru 13, is-Sindku ppropona li l-kunsill għandu jiprova jġib rimborż ta' dan il-pagament mill-fondi tar-Reġjun Ċentru. Il-Kunsill kollu qabel dwar din il-proposta unanimament. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tapplika mar-Reġjun Ċentru għal dan ir-rimborż.

## 34.10 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

34.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif b'kollox sad-data tas-seduta, ma kienx hemm applikazzjonijiet alarmanti.

34.10.2 Is-Sur Dalli tkellem fejn qal li applikazzjoni numru PA 06057/20 (tal-kamra tan-nar) ġiet deferita għal l-20 ta' Jannar 2022.

## 34.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

34.11.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

34.11.2 Il-Kunsillier Calcedonio Cini, reġgħa tkellem dwar il-lapida ta' kommemorazzjoni ta' mitt sena kostituzzjoni f' Ħal Lija, li fi seduti preċedenti kien hemm qbil unanimu biex din titweħħel bħala tifkira fit-Torri Belvedere. Huwa ta' update fejn qal li flimkien mas-Sindku, iċċekjaw mal-Bibloteka u sabu l-iskrizzjoni eżatti li ser tiġi miktuba fuq din il-lapida. Huwa reġgħa qal kif din hija okkażżjoni mportanti għal Ħal Lija u għalhekk huwa sabiħ li jkun hemm tifkira kif inhu xieraq għar-raħal. Dwar dan is-Sindku kompla jgħid kif ser titweħħel lapida żgħira ġot-torri u l-wording, kif instab mill-Bibloteka, ser jintbgħat lil kunsilliera b'imejl, qabel ma tiġi ordnatha l-lapida.

34.11.3 Is-Sinjorina Farrugia qalet li kellha pjaċir tiltaqgħa ma' l-istudenta li qed taħdem fuq il-proġett tal-'Meet the locals' u li suppost dan ser jibda fi Marzu 2022. Hija staqsiet għalfejn din is-sena bħala kunsilliera responsabbli mid-dekasteru tal-kultura, ma ġietx inkluża u nfurmatha b'aktar dettalji dwar dan il-proġett. Is-Sindku wieġeb kif esaċċ dan il-proġett

aktar huwa marbut mal-element tat-turiżmu milli mal-kultura. Is-Sur Dalli kompla jgħid kif it-turiżmu lokali jaqa taħt ir-responsabbilta tal-kunsill Zahra fil-verita. Pero, minkejja dan, is-Sindku spjega kif bħala rappreżentant tal-kunsill xorta huwa ħass il-ħtieġa li dan il-proġett jieħu ħsiebu hu b'reqqa u b'responsabbilta fl-irwol li huwa għandu ta' Sindku. Huwa qal kif dan il-proġett huwa wieħed vast, qed joħodlu ħafna ħin bi laqgħat u meetings frekwenti, pero reġgħa stqarr kif huwa fid-dover tiegħu biex jara li dan il-proġett jitella sew, ħalli r-raħal jkompli jitjieb fit-turiżmu. Is-Sur Dalli sinċerament spjega kif huwa jħoss li l-aħjar ikun huwa, responsabbli li jissorvelja dan il-proġett.

34.11.4 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-President Fun Run, fejn minħabba impenji oħra fl-istess data u ħin, spjega li huwa mhux ser ikun jista jattendi, pero xorta sejjer il-kunsill jagħti d-donazzjoni tiegħu. Għandu jagħmel hekk ukoll il-Kunsillier Zahra.

34.11.5 Il-laqgħa ntemmet fi 6:30pm.

34.11.6 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 15 ta' Dicembru 2021 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:30pm onaljn.

Konfermati, illum l-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |